

## Parti fil-proċeduri kriminali prinċipali

Davide Durante

### Dispożittiv

L-Artikoli 49 TFUE u 56 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux dispożizzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li timponi fuq l-operaturi li jixtiequ jressqu offerta f'sejħa għall-offerti fir-rigward ta' konċessjonijiet fil-qasam tal-logħob u tal-imħatri, l-obbligu li jipproduċu prova tal-kapaċitā ekonomika u finanzjarj tagħhom permezz ta' dikjarazzjonijiet maħruġa mingħand tal-inqas żewġ stabbilimenti bankarji, mingħajr ma jiġi permess li din il-kapaċitā tiġi stabilita b'xi mod ieħor, peress li tali dispożizzjoni tista' tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' proprzjonalità stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinvju.

<sup>(1)</sup> ĠU C 381, 16.11.2015.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-14 ta' Settembru 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Judeċatoria Satu Mare – ir-Rumanija) – Pavel Dumitraş, Mioara Dumitraş vs BRD Groupe Société Générale – Sucursala Judečeană Satu Mare

(Kawża C-534/15) <sup>(1)</sup>

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Protezzjoni tal-konsumaturi — Direttiva 93/13/KEE — Klawżoli inguisti — Artikolu 1(1) — Artikolu 2(b) — Kwalità ta' konsumatur — Trasferiment ta' dejn permezz ta' novazzjoni ta' kuntratti ta' kreditu — Kuntratt ta' garanzija immobiljari konkuż minn individwi li ma għandhom ebda relazzjoni professjonal mal-kumpannija kummerċjali l-ġdida debitriċi)

(2016/C 454/22)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

### Qorti tar-rinvju

Judeċatoria Satu Mare

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Pavel Dumitraş, Mioara Dumitraş

Konvenuta: BRD Groupe Société Générale – Sucursala Judečeană Satu Mare

### Dispożittiv

L-Artikoli 1(1) u 2(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inguisti f'kuntratti mal-konsumaturi, għandhom jiġu interpretati fis-sens li din id-direttiva tapplika għal kuntratt ta' garanzija immobiljari konkuż bejn persuni fiziċċi u stabbiliment ta' kreditu sabiex jiġi għarantiti l-obbligli li kumpannija kummerċjali assumiet fir-rigward ta' dan l-istabbiliment fil-kuntest ta' kuntratt ta' kreditu, meta dawn il-persuni fiziċċi jkunu aġixxew għal finijiet li ma jaqgħux fil-kuntest tal-attività professjonal tagħihom u ma għandhomx rabta ta' natura funzjonali mal-imsemmija kumpannija, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinvju.

<sup>(1)</sup> ĠU C 16, 18.1.2016.